KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

# L-ERBATAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 0208

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 13 tal-1 ta' Ġunju 2022 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

____________________________

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**ILMENTI PENDENTI QUDDIEM L-OMBUDSMAN**

**3. L-ONOR. KAROL AQUILINA jistaqsi lill-Ispeaker:** Jista' l-Ispeaker jgħid kemm-il ilment jinsab pendenti quddiem l-Ombudsman?

Jista' l-Ispeaker jgħid sena b'sena mis-sena 2013 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il ilment ġie mressaq quddiem l-Ombudsman, kemm minn dawn l-ilmenti għadhom qegħdin jiġu investigati u kemm minnhom ġew konklużi iżda li r-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman għadha ma ġietx implimentata?

Jista' l-Ispeaker jgħid sena b'sena mis-sena 2013 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il ilment ġie mressaq quddiem il-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar fi ħdan l-Uffiċċju tal-Ombudsman, kemm minn dawn l-ilmenti għadhom qegħdin jiġu investigati u kemm minnhom ġew konklużi iżda li r-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar għadha ma ġietx implimentata?

Jista' l-Ispeaker jgħid sena b'sena mis-sena 2013 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il ilment ġie mressaq quddiem il-Kummissarju għas-Saħħa fi ħdan l-Uffiċċju tal-Ombudsman, kemm minn dawn l-ilmenti għadhom qegħdin jiġu investigati u kemm minnhom ġew konklużi iżda li r-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju għas-Saħħa għadha ma ġietx implimentata?

Jista' l-Ispeaker jgħid sena b'sena mis-sena 2013 sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il ilment ġie mressaq quddiem il-Kummissarju għall-Edukazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Ombudsman, kemm minn dawn l-ilmenti għadhom qegħdin jiġu investigati u kemm minnhom ġew konklużi iżda li r-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju għall-Edukazzjoni għadha ma ġietx implimentata?

08.05.2022

**SPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bi tweġiba għall-mistoqsijiet tiegħu l-Ombudsman għoġbu jinformani illi għal kull sena mill-2013 sas-sena kurrenti qed jingħataw is-segwenti dettalji:

- Il-każijiet ġodda li jkunu nbdew fis-sena relattiva. Din il-figura tinkludi wkoll dawk il-każijiet li jkunu nbdew fuq inizjattiva tal-Kummissarji jew tal-Ombudsman skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13(2) tal-Kap. 385 u r-Regola 6(1) tal-Avviż Legali 250 tal-2012 (L.S. 385.01).

- Kemm, minn dawk l-investigazzjonijiet mibdija fis-sena relattiva, kienu għadhom pendenti fl-20 ta' Mejju 2022.

- Relattivament għal kull sena, kemm, mill-investigazzjonijiet mibdija f'dik is-sena, kien hemm każijiet li fihom saret rakkomandazzjoni jew saru rakkomandazzjonijiet li ma ġewx implimentati fl-intier jew parzjalment.

Għalhekk riferibbilment għas-snin inkwistjoni, hemm pendenti sal-20 ta' Mejju 2022, 252 investigazzjonijiet, u 145 każ fejn ir-rakkomandazzjoni jew rakkomandazzjonijiet ma ġewx implimentati fl-intier jew parzjalment.

| Sena | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | | |
| **Ombudsman** | | | | | | | | | | | |
| Każijiet godda | 329 | 352 | 405 | 361 | 336 | 313 | 336 | 245 | 239 | 82 | **2998** |
| lnvestigazzjoni pendenti | - | - | - | - | 9 | 9 | 18 | 16 | 21 | 40 | **113** |
| Rakkomandazzjoni/jiet mhux implimentati fl-intier jew parzjalment | 10 | 1 | 3 | 4 | 12 | 2 | 4 | 2 | 1 | - | **39** |
| | | | | | | | | | | | |
| **Kummissarju għas-Salina** | | | | | | | | | | | |
| Każijiet godda | 65 | 77 | 76 | 83 | 83 | 102 | 104 | 106 | 143 | 60 | **899** |
| Investigazzjoni pendenti | - | - | 1 | - | 8 | 7 | 15 | 10 | 25 | 36 | **102** |
| Rakkomandazzjonijiet mhux implimentati fl-intier jew parzjalment | - | 2 | - | 2 | 9 | 6 | 7 | 2 | 4 | - | **32** |
| | | | | | | | | | | | |
| **Kummissarju għall-Edukazzjoni** | | | | | | | | | | | |
| Każijiet godda | 38 | 60 | 65 | 59 | 39 | 54 | 68 | 45 | 50 | 14 | **492** |
| Investigazzjoni pendenti | - | - | - | - | - | - | - | 1 | 7 | 4 | **12** |
| Rakkomandazzjonijiet mhux implimentati fl- intier jew parzjalment | - | 1 | 2 | - | 3 | - | 3 | 3 | 4 | 2 | **18** |
| | | | | | | | | | | | |

| **Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar** | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Każijiet godda | 61 | 49 | 65 | 55 | 62 | 84 | 84 | 107 | 95 | 30 | **692** |
| Investigazzjoni pendent | - | - | - | - | - | 1 | - | 3 | 7 | 14 | **25** |
| Rakkomandazzjonijiet mhux implimentati fl-intier jew parzjalment | 12 | 6 | 13 | 7 | 6 | 3 | 3 | 2 | 4 | - | **56** |